Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tas-Sitt Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 18 ta’ Diċembru 2014 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana |
| Skużati | Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Summary tal-Ħidma tal-Kunsill għas sena 2014
5. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjoni tal-minuti għalhekk dawn ġew approvati.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq item 3.11 dwar l-imbarazz li kien hemm mormi ġewwa Ħal Farruġ. Is-Sindku u l-Viċi Sindku infurmaw li kienu intbagħtu l-ħaddiema u dan tneħħa.

2.2 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju jekk kinitx saret il-planka fejn hemm il-bus shelter ta quddiem il-Kappella ta' Ħal Farruġ. Is-Segretarju qal li se jkun qed jieħu l-qisien tagħha biex jordnaha.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsir patching fi Triq Patri Indri Micallef.

3.2 Is-Sindku semma li kien hemm email minn naħa tal-Community Chest Fund fuq tournament li se jkun organiżżat. Huwa ħeġġeġ lill dawk preżenti sabiex nipparteċipaw.

3.3 Is-Sindku qara email fuq course li se jkun organiżżat mill-MAOM fuq biedja organika. Huwa qal lill dawk preżenti biex minn hu interessat jista jagħti d-dettalji tiegħu u jipparteċipa għal dan il-course.

3.4 Il-Sindku qal li se jkun qed jagħmel arranġamenti biex nibdew nipprovdu trasport lill dawk l-anzjani li jattendu d-Daycentre.

3.5 Is-Sindku semma li ż-żewġ każini tal-Banda reġgħu kisbu suċċess did-darba fuq il-presepji fejn il-Każin tal-Unjoni ġie l-ewwel post u dak tal-Istilla fit-tielet post. Huwa awgura liż-żewġ każini sabiex jibqgħu jaħdmu u jkollhom suċċessi differenti f' diversi oqsma.

## 4.0 SUMMARY TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL GĦAS SENA 2014

4.1 Is-Sindku ta briefing fuq il-ħidma li kellu l-Kunsill Lokali f' diversi oqsma matul is-sena 2014. Huwa qal li din il-ħidma kienet tvarja fuq diversi oqsma u li fosthom saru wkoll proġetti kbar. Huwa beda billi semma li saru diversi applikazzjonijiet taħt il-GAL Xlokk biex inġiebu fondi tal-Unjoni Ewropeja li setgħu jintużaw biex twettqu diversi proġetti. Fost dawn l-applikazzjonijiet saret waħda għall proġett mat-tfal tal-iskola primarja, embellishment project, resurfacing ta sqaqien u dawl ġdid b' energy saving lamps. Huwa qal li l-proġett tal-embellishment diġa kien sar id-dawl u issa kien imiss it-tieni parti fuqu.

4.2 Is-Sindku qal li għal darba oħra saru diversi courses tal-computer kemm għall kbar kif ukoll għat tfal b' kollaborazzjoni mat-TCTC. Huwa qal ukoll li saru laqgħat mar-rappreżentanti tal-libreriji fejn qed ikun ikkordinat biex ikun hemm espansjoni tal-librerija kif ukoll inxtraw kotba biex jintużaw hemhekk.

4.3 Is-Sindku rrefera għaż żjara li kienet saret fil-Fontana b' kordinazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-post fejn fiha stajna naraw il-potenzjal biex il-quddiem ikun hemm ftehim ta koperazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet. Huwa semma li din kienet żjara tajba ħafna u ħalliet frott tajjeb.

4.4 Is-Sindku informa li minn naħa tar-Reġjun qed issir riforma li qed tkun diskussa waqt il-laqgħat li huwa stess jattendi għalihom. Fost l-affarijiet li qed ikunu diskussi hemm il-fatt kif se jkun hemm aktar fondi li jgħaddu għall Kunsilli Lokali minn fuq iċ-ċitazzjonijiet. Huwa qal li r-Reġjun ukoll kien ta għotja ta Automated External Defibrilator sabiex dan ikun jista jintuża minn minn jagħtih attak tal-qalb.

4.5 Is-Sindku semma wkoll li r-Reġjun kien organiżża attivita sportiva li minnha kienu ibbenefikaw il-club tal-football ta' Ħal Luqa u ingħataw fondi. Kien hemm ukoll skema li minnha l-Kunsilli Lokali se jingħataw għajnuna mir-Reġjun biex ikunu jistgħu jinstallaw sistema ta CCTV fejn ikun hemm bżonnha.

4.6 Is-Sindku semma wkoll li reġgħu inħarġu t-tenders kollha mill-ġdid matul is-sena wara li dawn kienu evalwati u ttieħdet deċiżjoni mill-Kunsill Lokali stess. Huwa semma wkoll li saru numru ta bankini mill-ġdid fejn dawn kienu inbidlu peress li kienu ta periklu.

4.7 Is-Sindku semma li bħala Kunsill bqajna nagħmlu pressjoni kontinwament ma numru ta entitajiet li kellna talbiet pendenti magħhom. Fost dawn it-talbiet li ġiet imwettqa kien hemm dik li l-Kunsill kien ilu jagħmel biex Triq Wied il-Knejjes tingħata wiċċ ġdid.

4.8 Fuq l-għad kulturali is-Sindku semma li reġgħet saret l-attivita marbuta ma Jum Ħal Luqa fejn kienet suċċess minn naħa tal-program li kien imtella. Huwa semma li l-Kunsill reġa għal darba oħra irrikonoxxa dawk ir-residenti li taw sehemhom għar raħal u ppremjahom b' Ġieħ Ħal Luqa.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Il-ħlasijiet ġew approvatti b' vot unanimu.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Peress li ma kienx hemm quorum għal din il-laqgħa is-Sindku aġġorna l-laqgħa għas 27 ta' Jannar 2015. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 2 ta' Jannar 2015 fis-6.45 pm. Kien hemm id-data tas-27 ta' Jannar magħżula għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2015.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |